MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 12 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 1424/2002/1

**Avviz Numru 1424/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**John Formosa u martu Monique Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallalsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm1281.00) rappresentanti import ta' sitt kambjali, wahda ta' Lm31.00 (bilanc), u hamsa ta' Lm250.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2002 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 6).
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm19.00, oltrre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha in kwantu jirrigwarda s-sorte ghal seba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm783.00).

Sema' x-xhieda ta’ Dr.Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ seba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm783.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-21 ta’ Gunju 2002 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**